# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Stephen Zammit**

**Fl-atti tal-Kumpilazzjoni Numru: 757/2012**

**Illum, 18 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 315975M.

Akkuzat talli fil-25 ta' Gunju 2012 fi Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara

1. Ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAO 276 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-

detriment ta Joseph Lovegrove, ID No. 24985M, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga;

2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAO 276 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-detriment ta Joseph Lovegrove, ID No. 24985M, liema hsara hija mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) pero’ izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

3. Ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ghoxrin (20) ta’ Novembru elfejn u sbatax (2017) fejn wara ammissjoni l-Qorti ordnat li Stephen Zammit jitpogga taht ordni ta’ *probation* ghal tliet (3) snin u kif ukoll gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal mitejn u tnejn u tletin ewro u hames centezmi

(€232.05) fi zmien tliet (3) snin kif ukoll is-somma ta' disa' mija u sebgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€977.54) lill-parte civile fi zmien tliet (3) snin.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard datat tlettax (13) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) li biha ghamlet denunzja ai temini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tal-istess rikors l-Ufficcjal Marilyn Attard infurmat lil din il-Qorti illi d-denunzjat qatt ma ghamel kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probation minkejja li ntbaghtu tliet ittri b'appuntamenti inkluz twissija fejn gie infurmat illi jekk jonqos milli jattendi kien ser isir rikors ta' denunzja.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) id-denunzjat iddikjara li huwa jirresjedi fl-indirizz kif muri f'Dok. CSZX u ghalhekk inghata apputament seduta stante.

Rat illi fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April elfejn u tmintax (2018) xehdet l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard li nfurmat lill-Qorti li d-denunzjat attenda ghal erba' appuntamenti. Huwa beda jsibha difficli sabiex jaghti kampjun tal-urina u fil-fatt minn erba' kampjuni taha biss tnejn. Qalet li z-zewg kampjuni

rrizultaw negattivi ghad-droga. L-Ufficcjal qalet li d-denunzjat m'ghandux impjieg u ghalkemm jghid li huwa *clean* qed isibuha difficli biex jiehdu kampjuni tal-urina.

Rat in-nota tal-Ufficcjal Marilyn Attard datata 17 ta' Settembru 2018 fejn hija infurmat il-Qorti li minn disgha (9) appuntamenti d-denunzjat falla erbgha (4) fejn ipprezenta certifkati medici. L-Ufficcjal qalet ukoll li fl-20 ta' Awwissu 2018 id-denunzjat ipprezenta certifikat li kellu l-istess numru tas-serje ta' certifikat ipprezentat f'Gunju fejn kien jidher car li kellu d-data mibdula. Apparti minn hekk fid-9 ta' April 2018 kampjun tal-urina rrizulta pozittiv ghall-kokaina u wiehed irrizulta negattiv ghall-Methadone li ma setax ikun ghaliex Stephen Zammit jibbenifika mill-Methadone. L-Ufficcjal ikkonkludiet li minhabba din l-imgieba qarrieqa, id-denunzjat qed juri li huwa persuna inaffidabbli u mhuwiex motivat li jirriforma ruhu. Qalet ukoll li peress li mhuwiex jerfa' responsabilita` tal-agir negattiv tieghu jizdied ir-riskju li jikkometti aktar reati fil-futur.

Illi fit-13 ta' Mejju 2019 regghet xehdet Marilyn Attard fejn infurmat lill-Qorti li d-denunzjat qed jonqos milli jzomm kuntatt maghha. Ghalkemm Stephen Zammit jibqa' jinnega maghha li

jabbuza mid-droga qalet li ghandha *feedback* mid-Detox li kien hemm kampjuni pozittivi ghall-opates u kokaina. Ix-xhud qalet li Stephen Zammit ghadu lanqas wasal fil-punt li jammetti li ghandu problema tad-droga.

Rat in-nota tal-Ufficjal Marilyn Attard tal-1 ta' Awwissu 2019 fejn infurmat lill-Qorti li hija nnutat li s-sitwazzjoni ta' Stephen Zammit baqghet tidditerjora fejn hija giet infurmata minn missier Stephen, Herman Zammit, li ibnu qed igib ruhu ferm hazin.

Rat illi fit-28 ta' Ottubru 2019 il-Qorti halliet ir-rikors ghal decizjoni dwar id-denunzja.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li d-denunzjat inghata diversi opportunitajiet huwa xorta wahda naqas milli jattendi ghall-appuntamenti ffissati mill-Ufficjal tal-*Probation* u b'hekk naqas milli jottempora ruhu mal-ordni imposta fuqu. Apparti minn hekk tezisti problem serja ta' droga fejn id-denunzjat lanqas huwa kapaci jammetti li ghandu tali problema u jfittex l-ghajnuna. Ghall-kuntrarju huwa jichad li

ghandu l-vizzju tad-droga u ghalhekk hemm riskju ikbar li d-denunzjat iwettaq iktar reati sabiex isostni dan il-vizzju.

Illi ghalhekk din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ser timponi l-piena ghar-reati li kienu gew lilu addebitati f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50, 289, 263, 261(b)(g), 271(g), 325(b), 17 u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lid-denunzjat Stephen Zammit hati talli naqas milli jottempora ruhu mal-ordni ta' *probation* imposta fuqu u tikkundannah ghal sbatax (17)-il xahar prigunerija effettivi.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**